**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs.**

**Doris Robert Damour**
**Mathieu John Fullen**

Numru 346/2019

Illum disgha (9) ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

**Doris Robert Damour**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Jaques Damour u Veronique, imwieled gewwa Saint-Jean-De-Braye, Franza nhar is-6 ta' Marzu 1998, minghajr residenza fissa f'Malta, u detentur tal-Passaport Franciz bin-Numru 18RF04013

u

**Mathieu John Fullen**, ta' ghoxrin (20) sena, iben Peter u Nadine, imwieled gewwa Pithiviers, Franza, nhar it-13 ta' Settembru 1998, minghajr residenza fissa f'Malta, u detentur tal-Passaport Franciz bin-Numru 18EX76255,

Lil **Mathieu John Fullen** akkuzat waħdu talli:

1. nhar it-08 ta' Ġunju tas-sena 2019, għall-ħabta tal-ħamsa nieqsin kwart ta' filgħodu (04:45hrs), minn ġewwa l-ħanut 'Tommy Hilfiger', Baystreet, San Ġiljan, ikkommetta serqa aggravata bil-hin u bil-valur li ma huwiex iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250);

3. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma setgħax jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

Lil **Doris Robert Damour** akkuzat waħdu talli:

4. nhar it-08 ta' Ġunju tas-sena 2019, għall-ħabta tal-ħamsa nieqsin kwart ta' filgħodu (04:45hrs), minn ġewwa l-ħanut 'Tommy Hilfiger', Baystreet, San Ġiljan, bil-ħsieb li jikkommetti serqa aggravata bil-mezz, bil-ħin, u bil-valur li ma huwiex iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tieghu;

5. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250);

6. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma setgħax jieħu ħsieb tiegħu innifsu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kas ta' ħtija, tobbliga lill-imputati jirrestitwixxu lill-parti offiża kull ħaġa minnhom misruqa, jew li tħallas lil dik il-parti dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-Qorti f' dik id-direttiva bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, u dan skond l-Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu ghall-procedura sommarja (Dok. "MS 1").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk gew sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura ta' dak addebitat fil-konfront tal-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, u l-fedina penali taghhom (Dok. "MS 2" u Dok. "MS 3") (li huma kompletament nodfa).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li:

fir-rigward ta' Mathieu John Fullen, rat Artikoli 261(c), 261(f), 267, 270, 325(1)(b) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u

fir-rigward ta' Doris Robert Damour, rat Artikoli 41(1)(a), 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270, 325(1)(b) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

fuq ammissjoni, issib lill-imputati Doris Robert Damour u Mathieu John Fullen hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom kull wiehed ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tliet snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputati sabiex fi zmien tmienja u erbghin (48) siegha ihallsu *in solidum* bejniethom l-ammont ta' elf, tmien mija u tmienja u tletin Euro u ghoxrin centezmu (€1838.20) lill-parti leza.

Finalment, il-Qorti spjegat, tramite l-interpretu nominat waqt is-seduta tallum, lill-imputati Doris Robert Damour u Mathieu John Fullen fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum u x'jigri x'kaz li jonqsu li jhallsu l-ammont imsemmi hawn fuq fiz-zmien lilhom moghti.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**